# Beati u Qaddisin...Dicembru

Santa Lucija, Vergni u Martri 13 ta' Dicembru

Il-vergni Lucija hija wahda mill-figuri l-aktar gheziez fid-devozzjonijiet nsara. Ghexet gewwa Sirakuza u sofriet il-martirju taht Diocleziano madwar is-sena 304. L-atti tal-martirju taghha jsemmu li hija ghaddiet minn torturi kbar qabel ma mietet. Kienet il-prefett Pascazju li ordna li Lucija tigi moghtija t-torturi sabiex jirnexxilu li hija taghmel dak li xtaq hu, u minkejja li ra sinjali straordinarji baqa' jtiha tbatija wara l-ohra.




Lucija giet arrestata u mehdua quddiem il-prefett ta' Sirakuza, Paskazju li ordnalha toffri sagrifficju lil allat foloz. Imma Lucija wegbitu: "Jiena noffri biss is-sagrifficju tieghi lil Alla veru. Jiena offrejt dak kollu li nippossiedi lil Alla u issa li ma fadalli xejn aktar noffri lili niffsi bhala sagrificcju Lilu."

"Inti belgha," wegibha Paskazju, " jiena nimxi biss fuq l-ordnijiet ta' l-imperatur."

Qaltu bla biza' Lucija: "Inti timxi fuq l-ordni ta' l-imperatur, jiena fuq il-kmandamenti ta' Alla tieghi. Inti tibza' mill-imperatur tieghek, jiena nibza minn Alla tieghi, inti trid tghogob lil imperatur tieghek, jiena rrid nghogob lil Alla tieghi. Inti ma trid tonqos lil imperatur tieghek, kif tippretendi li jiena nonqos lil Alla tieghi? Aghmel li trid minni.

Jiena nimxi fuq dak li tghidli qalbi."

Isimha jfisser dawl u hija l-protettrici kontra l-mard tal-ghajnejn u l-patruna tat-tobba oftalmologi. Il-fdal taghha jinsab miqjum fil-knisja mohtara lilha f'Venezja. Fil-Belt Valletta ghandna knisja u triq imsemmijin ghal Santa Lucija

Il-qima lejn din il-qaddisa jidher li kien jezisti sa mir-raba seklu, u svillupa b'heffa kbira, tant li fis-sena 384 gewwa Ravenna kienet iddedikata knsija lil din il-martri, u l-Papa Onorju I iddedikalha ohra gewwa Ruma. Hafna huma l-opri ta' l-arti dedikati lil din il-qaddisa.